**NOMINA TA' DOTT. RANDOLPH DE BATTISTA GĦALL-ĦATRA TA' RAPPREŻENTANT PERMANENTI GĦAN-NAZZJONIJIET MAGĦQUDA, ĠINEVRA, L-IŻVIZZERA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li għandha n-Nazzjonijiet Magħquda? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati fi ħdan din l-organizzazzjoni dinjija? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar?**

Mil-lenti *macro* l-isfida ewlenija li tiġbor ħafna sfidi flimkien hija dik li nilħqu l-miri għal **Żvilupp Sostenibbli 2030**. Il-miri li l-pajjiżi membri tan-Nazzjonijiet Magħquda qablu flimkien fl-2015 biex naħdmu għal dinja ta' paċi, ugwali u aktar b'saħħitha. Sfortunatament, l-aħħar rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-miri, maħruġ ftit tal-ġimgħat ilu juri li 17% biss tal-miri SDG huma fit-triq li jinkisbu.

Ma' din l-isfida ewlenija nżid l-attakk li qed naraw jiżdied minn elementi populisti, fuq il-**multilateraliżmu** - kunċett li bis-saħħa tiegħu rajna pajjiżi jħottu l-ħitan li nbnew bejniethom fil-passat, djalogu ikbar, paċi, il-qerda ta' mard f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-kisba ta' aktar drittijiet lil miljuni ta' persuni.

L-irwol ta' Malta kif imnaqqax fil-Kostituzzjoni tagħna, li naħdmu attivament "għall-paċi, is-sigurtà u l-progress soċjali fost in-nazzjonijiet kollha" jpoġġi fuqna l-impenn li nsemmgħu leħinna u nibnu l-pontijiet biex insibu soluzzjonijiet li jassiguraw futur aħjar għall-popli kollha. Dan il-prinċipju, kif rifless fil-prijoritajiet tal-politika barranija ta' pajjiżna, huwa dak li se jiggwidani fil-ħidma tiegħi.

2. **Bħala Rappreżentant Permanenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi bejn in-Nazzjonijiet Magħquda u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni?**

Dejjem emmint li fil-fora internazzjonali, Malta kisbet ir-rispett kull meta ħadet sehem attiv u proattiv b'pożizzjonijiet ċari u bi proposti li jagħmlu sens minn lenti globali. Dik hija l-istorja ta' Malta fin-Nazzjonijiet Magħquda, u dan huwa l-mod li qed titmexxa l-politika barranija ta' Malta bħalissa. Hija proprju din il-ħidma proattiva li wasslitna għall-Presidenza tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda u tal-OSCE.

Dan l-istil ta' tmexxija huwa dak li dejjem adottajt jiena fl-inkarigi internazzjonali bħala kap tad-delegazzjoni Maltija fl-Unjoni Inter-Parlamentari u bħala membru tal-Assemblea

Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, fejn ġejt fdat b'rapport fit-tieni Assemblea li attendejt wara biss ftit xhur. Li tpoġġi madwar il-mejda mal-pajjiżi l-oħra mhuwiex l-għan innifsu, imma huwa biss il-mezz li bih Malta, bil-karatteristiċi uniċi tagħha, jista' jkollha sehem attiv biex taħdem għal dinja aħjar. Meta nirrealizzaw li ċ-ċokon ta' pajjiżna ma jirriflettix il-potenzjal tagħna, niksbu affarijiet kbar.

3. **X'tahseb li għandhom ikunu n-niċeċ jew setturi speċifiċi li bħala pajjiż għandna naħdmu iżjed fuqhom sabiex insaħħu dejjem iżjed il-pożizzjoni ta' Malta fuq livell internazzjonali? B'mod partikolari tara xi inizjattivi partikolari li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u n-Nazzjonijiet Magħquda?**

L-istorja ta' Malta, il-pożizzjoni strateġika u l-istatus newtrali tagħna jpoġġuna f'pożizzjoni unika u b'obbligu biex immexxu 'l quddiem l-impenn tagħna favur il-**paċi**, speċjalment f'dan iż-żmien fejn qed naraw dejjem aktar persuni innoċenti, speċjalment tfal, jinqatlu fi gwerer u kunflitti madwar id-dinja, inkluż fl-avviċċinat tagħna fl-Ewropa u l-Mediterran.

Fl-istess ħin, bħala gżira żgħira f'nofs baħar li t-temperatura tiegħu qed togħla b'rata li hija d-dopju tal-kumplament tal-ibħra fid-dinja, Malta għandha taħdem aktar biex tikkonvinċi għal miżuri b'saħħithom ta' mitigazzjoni u adattazzjoni għat-**tibdil fil-klima**.

Bl-istess mod, bħala l-leaders globali f'oqsma bħad-drittijiet ċivili ta' persuni **LGBTIQ+**, għandna nieħdu pożizzjoni aktar ta' tmexxija, billi naqsmu ma' pajjiżi oħra, l-esperjenza tagħna, u l-għodod leġiżlattivi biex iservu ta' mudell.

4. **F'dan ir-rigward, u peress li se tkun ibbażat f'Ġinevra, tara li hemm lok sabiex b'xogħlok tgħin biex titjieb il-koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u aġenziji oħra internazzjonali? Pereżempju il-United Nations Human Rights Council u l-World Health Organisation, u forsi xi organizzazzjonijiet oħra?**

Ġinevra hija ċ-ċentru tal-multilateraliżmu u d-diplomazija globali. Tilqa' fiha fost l-aktar organizzazzjonijiet u aġenziji speċjalizzati importanti fid-dinja. Għalhekk l-irwol tar-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta f'Ġinevra hija kruċjali biex nippromwovu l-interessi tagħna. Ewlenin fost dawn, l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa li fix-xogħol Parlamentari tiegħi ikkolaborajt diversi drabi magħha f'Ġinevra u madwar id-dinja; l-IOM u l-UNHCR li fil-qasam tal-immigrazzjoni u d-drittijiet ta' persuni li qed ifittxu l-ażil u refuġjati huma essenzjali; il-Human Rights Council li jagħmel assessjar u proposti minn żmien għal żmien lill-pajjiżi fuq id-drittijiet tal-bniedem; l-ILO li jaħdem attivament favur il-ġustizzja soċjali u s-salvagwardji tad-drittijiet tal-ħaddiema, il-WTO li tirregola l-kummerċ internazzjonali u l-WIPO li b'mod partikolari fil-qasam tal-kreattività u l-innovazzjoni huwa essenzjali biex jipproteġi l-proprjetà intellettwali; fost istituzzjonijiet oħra.

F’dan is-sens, il-faċilitazzjoni ta’ kuntatti fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet, kif ukoll id-disseminazzjoni ta’ *best practices* u *lessons learned* ta’ pajjiżi oħra, mal-entitajiet rispettivi Maltin huma parti mix-xogħol li tista’ twettaq ir-Rappreżentanza Permanenti Maltija f’Ġinevra.

5. **Tista’ tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Bejn l-2013 u l-2014 ħdimt fis-segretarjat tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej Louis Grech, fejn ix-xogħol tiegħi kien iffokat fuq il-kordinazzjoni mar-Rappreżentanza Permanenti għall-Unjoni Ewropea fi Brussell u mal-EU Secretariat f’Malta, kif ukoll il-preparazzjoni għall-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Bejn l-2014 u l-2017 ħdimt bħala Chef de Cabinet fir-Rappreżentanza Permanenti għall-Unjoni Ewropea fi Brussell, bix-xogħol ewlieni jkun iffokat fuq il-preparazzjoni tar-Rappreżentanza Permanenti għall-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Matul l-ewwel nofs tal-2017 ħdimt fis-segretarjat tal-ex Kummissarju Michel Barnier, in-Negozjatur Ewlieni tal-Unjoni Ewropea dwar BREXIT. Filfatt kont parti mit-tim ta’ negozjaturi tal-Unjoni Ewropea fl-ewwel round ta’ negozjati mar-Renju Unit fid-19 ta’ Ġunju 2017.

Mill-2022 sal-lum bħala Membru Parlamentari servejt bħala Kap tad-Delegazzjoni Maltija għall-Unjoni Inter-Parlamentari li tlaqqa’ l-Parlamenti ta’ madwar id-dinja, membru tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, u membru tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO.

6. **Tista’ tindika x’karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Rappreżentant Permanenti hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?**

Ma nokkupa l-ebda kariga pubblika fil-Gvern. Jekk niġi approvat bħala Rappreżentant Permanenti se nkun qed nirriżenja minn Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Kif diġà ħabbart pubblikament, waqaft mir-rwol ta’ Kap Eżekuttiv tal-Partit Laburista.

7. **Tista’ tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista’ tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta’ interess ma’ din il-kariga prospettiva?**

M’għandix attivitajiet kummerċjali fil-preżent. Għaddej b’rinovar ta’ proprjetà bi ħsieb għal kera fil-futu. Dan ma jikkostitwixxix kunflitt ta’ interess.

8. **Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fi ħdan in-Nazzjonijiet Magħquda? Jekk iva, fiex kienu jikkonsistu?**

Fit-13 ta' Marzu 2023 kont mistieden biex nindirizza attività tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa bit-titlu "Leveraging the role of parliamentarians to progress towards Universal Health Coverage". L-attività saret f'Manama, l-Bahrain fil-marġni tal-Assemblea tal-Unjoni Inter-Parlamentari li kont qed nipparteċipa fiha flimkien mad-delegazzjoni mill-Parlament Malti.

Bejn il-25 u s-27 t'April 2023 kont mistieden biex nindirizza l-Policy & Coordination meeting tal-Human Reproduction Programme f'Ġinevra, li kienet ukoll parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-75 anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Tista' tispjega l-ftehim li għandek mal-Prim Ministru dwar il-ħatra tiegħek bħala Rappreżentant Permanenti għan-Nazzjonijiet Magħquda u dwar is-siġġu parlamentari tiegħek?**

Il-ftehim li għandi dwar is-siġġu parlamentari mhuwiex mal-Prim Ministru imma mal-poplu Malti u Għawdxi. Huwa l-ftehim li għamilt fid-dikjarazzjoni ta' lealta' fis-7 ta' Mejju 2022 li nkun fidili u leali lejn il-poplu Malti u l-Kostituzzjoni. Għalhekk, jekk in-nomina li għamel il-Prim Ministru li jien inservi lil Malta bħala Rappreżentant Permanenti għan-Nazzjonijiet Magħquda tkun approvata, jiena nirriżenja minn membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

2. **Tista' tispjega kif inhi aċċettabbli n-nomina tiegħek sabiex isservi bħala Rappreżentant Permanenti għan-Nazzjonijiet Magħquda ġaladarba huwa ċar li din qed issir għal raġunijiet politiċi partiġġjani?**

Ma tantx inħobb nitkellem dwari nnifsi, imma nħalli l-ġudizzju fuqi għal ħaddieħor. Li nista' ngħid huwa li kull biċċa xogħol li dħalt għaliha f'ħajti dejjem għamiltha b'dedikazzjoni, rettezza u lealtà. Fil-karriera tiegħi dejjem ħdimt u advokajt dwar id-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fl-ambjent multilaterali.

Fil-ħidma parlamentari dejjem żammejt 'il bogħod, anzi kkundannajt il-partiġġjaniżmu għaliex nemmen li dan itellef u mhux jgħin lil pajjiżna milli jimxi 'l quddiem. Dan huwa prinċipju li trabbejt fih u li nżommu bħala gwida fil-ħajja tiegħi.

3. **Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Bejn l-2013 u l-2014 ħdimt fis-segretarjat tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej Louis Grech. Bejn l-2014 u l-2017 kont Chef de Cabinet fir-Rappreżentanza Permanenti għall-Unjoni Ewropea fi Brussell. Bejn April u Novembru tal-2020 ħdimt bħala Adviser mal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol Owen Bonnici.

4. **Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

Bejn l-2013 u l-2014 ħdimt fis-segretarjat tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej Louis Grech. Bejn April u Novembru tal-2020 ħdimt bħala Adviser mal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol Owen Bonnici.

5. **Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Rappreżentant Permanenti għan-Nazzjonijiet Magħquda?**

Ma nokkupa l-ebda kariga pubblika fil-Gvern. Jekk niġi approvat bħala Rappreżentant Permanenti se nkun qed nirriżenja minn Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Kif diġà ħabbart pubblikament, waqaft mir-rwol ta' Kap Eżekuttiv tal-Partit Laburista.

6. **Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Rappreżentant Permanenti għan-Nazzjonijiet Magħquda?**

M'għandix attivitajiet kummerċjali fil-preżent. Għaddej b'rinovar ta' proprjetà bil-ħsieb għall-kiri fil-futur. Dan ma jikkostitwixxix kunflitt ta' interess.

7. **Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

M'għandix kunflitt ta' interess.

8. **Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?**

Għandi biss passaport Malti u ċittadinanza Maltija.